## RESURRECTIO NOCTURNA

*Meta fil-ħemda ta' l-iljiel sajfija*
*Jinbtu fis-sema l-kwiekeb bil-mijiet,*
*U tħossok tagħmel seħ'm mill-armonija*
*Ta' dal-Ħolqien ta' dwal u dellijiet,*

*Iqumu minn ġo l-oqbra tal-minsija,*
*Jitlaħħmu w jieħdu l-ħajja, il-ġrajjiet*
*Taż-żmien li ma jarġax, u l-fantasija*
*Tbushom il-bewsa ssaħħar tas-smewwiet.*

*U jieħdu sura ta' tfajliet żeffiena.*
*U jieħdu sura ta' għajnejn bid-dmugħ,*
*U jgħannu l-għanja ħelwa tal-benniena,*
*U l-għanja ta' l-imwiet li tifni r-ruħ.*

*Hekk jerġgħu jgħixu magħna il-ġrajjiet,*
*Taħt żewġ suriet — ta' dwal u dellijiet!*

23-X-51. P. MARIANUS VELLA O.F.M.